**292. Il-Membri tal-Oppożizzjoni, jipproponu:**

Il-Kamra wara li semgħet l-istqarrija magħmula fil-bidu tas-Seduta tal-lum dwar artikolu taħt it-titolu 'Protesta' ppubblikat f'In...Tagħna tal-lum 2 ta' Diċembru, 1980;

wara li semgħet lill-Kap tal-Oppożizzjoni jassumi r-responsabiltajiet għal kontenut tal-istess artikolu, liema responsabilità qed jassumuha ukoll il-Membri kollha tal-Oppożizzjoni u dan għaliex l-istess artikolu fil-fatt jirriproduċi l-konferenza stampa mogħtija mill-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Grupp Parlamentari Nazzjonalista fl-1 ta' Diċembru;

tikkunsidra li l-istqarrija ta' Mr Speaker fiha dikjarazzjonijiet li ma jaqblux mal-verità;

tiddeplora l-fatt li Mr Speaker ordna li l-mezzi tax-Xandir ma jippubblikawx l-osservazzjonijiet li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni immedjatament wara li saret l-istess stqarrija ta' Mr Speaker,

tikkunsidra li l-ordni imsemmija ta' Mr Speaker hija soppressjoni tad-dritt tal-libertà tal-kelma tad-Deputati u tad-dritt li din tiġi imwassla lill-poplu u tammonta ukoll għall-abbuż ta' poter.

Għalhekk il-Kamra m'għandhiex fiduċja f'Mr Speaker.

02.12.1980